

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament li ma jiġgħed id-didx il-kuntratt tar-rikorrenti bħala membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt u, min-naħħa l-oħra, sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament ġarrbet, essenzjalment, b'riżultat ta' din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) HF hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 165, 10.5.2016 (kawża reġistrata inizjalment quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-14/16 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Settembru 2016).

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Marzu 2017 – Deutsche Post vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-152/12) ⁽¹⁾

(Għajjnuna mill-Istat — Qasam postali — Għajjnuna mogħtija mill-awtoritajiet Ġermaniżi lil Deutsche Post — Żieda fil-prezz tal-bolol flimkien mas-sussidji mħallsa sabiex ikopru l-ispejjeż tal-pensjonijiet tal-impiegati li għandhom l-istatus ta' uffiċjali — Deċiżjoni li tiddikjara l-ghajjnuna inkompatibbli mas-suq intern — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)

(2017/C 178/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Deutsche Post AG (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Sedemund, T. Lübbig u M. Klasse, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Grespan, T. Maxian Rusche u R. Sauer, aġenti)

Partijiet intervenjenti in sostenn tal-parti rikorrenti: UPS Europe NV/SA (Brussell, il-Belġju) u United Parcel Service Deutschland Inc. & Co. OHG (Neuss, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment minn E. Henny u T. Ottrevanger, sussegwentement minn T. Ottrevanger, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-Artikoli 1 u 4 sa 6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/636/UE, tal-25 ta' Jannar 2012, dwar il-miżura C 36/07 (ex NN 25/07) implementata mill-Ġermanja għal Deutsche Post AG (ĠU 2012, L 289, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess, kif ukoll għal dawk sostnati minn Deutsche Post AG.
- 1) UPS Europe u United Parcel Service Deutschland għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 165, 9.6.2012.